

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2015/1926****tas-26 ta' Ottubru 2015****li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2015/778 dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fin-Nofsinhar tal-Mediterran Ċentrali (EUNAVFOR MED)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 42(4) u 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-18 ta' Mejju 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/778 dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fin-Nofsinhar tal-Mediterran Ċentrali (EUNAVFOR MED) <sup>(1)</sup>.
- (2) Fl-24 ta' Settembru 2015, il-Kmandant tal-Operazzjoni ppropona li l-operazzjoni tisemma SOPHIA.
- (3) Id-Deċiżjoni (PESK) 2015/778 għandha għalhekk tiġi emendata skont dan.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1***L-isem tal-operazzjoni**

Fit-titolu u fit-test kollu tad-Deċiżjoni (PESK) 2015/778, l-isem "EUNAVFOR MED" għandu minn hawn 'il quddiem jiġi sostitwit f'kull ċirkostanza bl-isem "EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA" u għandha ssir kull bidla grammatikali neċessarja.

*Artikolu 2***Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-26 ta' Ottubru 2015.

*Għall-Kunsill**Il-President*

F. MOGHERINI

---

<sup>(1)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/778 tat-18 ta' Mejju 2015 dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fin-Nofsinhar tal-Mediterran Ċentrali (EUNAVFOR MED) (ĠU L 122, 19.5.2015, p. 31).